



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2020/0504/UK (UK (before 2021))

Emenda għall-Partijiet B (Materjali u kwalità tax-xogħol) u C (Preparazzjoni tas-sit u reżistenza għall-kontaminanti u għall-umdità) ta' "Ir-Regolamenti dwar il-Bini (l-Irlanda ta' Fuq) 2012 (kif emendati)" biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sikurezza kontra n-nirien u tar-radon rispettivament.

Data tal-wasla : 10/08/2020

Tmiem tal-Waqfien : 11/11/2020

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2020) 02967

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2020/0504/UK

No abre el plazo - Nezaħajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késések - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 202002967.MT)

1. MSG 002 IND 2020 0504 UK MT 10-08-2020 UK NOTIF

2. UK

3A. Department for Business, Energy and Industrial Strategy

Economic Partnership Directorate

1 Victoria Street

London, SW1H 0ET

Email: technicalregulations@beis.gov.uk

3B. Department of Finance

Clare House, 303 Airport Road, Belfast, BT3 9ED

Contact: info.bru@finance-ni.gov.uk

4. 2020/0504/UK - B00

5. Emenda għall-Partijiet B (Materjali u kwalità tax-xogħol) u C (Preparazzjoni tas-sit u reżistenza għall-kontaminanti u għall-umdità) ta' "Ir-Regolamenti dwar il-Bini (l-Irlanda ta' Fuq) 2012 (kif emendati)" biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sikurezza kontra n-nirien u tar-radon rispettivament.



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

6. Ara l-kontenut prinċipali.

Ir-regolament 23(2) il-ġdid se japplika għal “binjiet rilevanti” kif definiti meta l-kostruzzjoni tkun tinvolvi:

- i) it-twaqqif ta’ binja;
- ii) l-alterazzjoni jew l-estensjoni ta’ binja; jew
- iii) il-bidla ta’ materjal ta’ użu għal binja li tirriżulta f’binja rilevanti.

Il-pubblikazzjoni tal-PHE “Ir-Radon fl-Irlanda ta’ Fuq: Atlas Indikattiv” se tintuża biex jiġi ddeterminat jekk abitazzjoni tkunx f’żona affettwata mir-radon jew le meta l-kostruzzjoni tkun tinvolvi:

- i) it-twaqqif ta’ abitazzjoni;
- ii) l-alterazzjoni jew l-estensjoni ta’ abitazzjoni, jew;
- iii) il-bidla ta’ materjal ta’ użu għal binja li tirriżulta f’abitazzjoni.

7. -

8. L-emenda għal “Ir-Regolamenti dwar il-Bini (l-Irlanda ta’ Fuq) 2012 (kif emendati)” se:

1. Tintroduċi regolament 23(2) ġdid f’Parti B (ara l-paġna 5 tal-Ktejjeb Tekniku B) li jkun jeħtieġ li materjali fuq il-ħitan esterni ta’ “binjiet rilevanti” jkunsu klassifikazzjoni ta’ prestazzjoni minima ta’ “reazzjoni għan-nar” li tipprojbixxi b’mod effettiv l-użu ta’ materjali kombustibbli fuq il-ħitan esterni ta’ dawn il-binjiet. Il-proposti se jfissru li l-materjali li jsiru parti minn ħajt estern, jew aċċessorju speċifikat, ta’ binja rilevanti jkunu ta’ Klassifikazzjoni Ewropea A2-s1, d0 jew Klassi A1, ikklassifikati skont BS EN 13501-1: 2018.

L-emenda se tintroduċi wkoll gwida ġdida fil-Ktejjeb Tekniku E (Sikurezza kontra n-nirien) marbuta ma’ “Valutazzjonijiet minflok testijiet” jew studji bbażati fuq riċerka b’isem ieħor (ara l-paġna 28 tal-Ktejjeb Tekniku E).

2. Temenda d-definizzjoni ta’ “żona affettwata mir-radon” fil-Parti C (ara l-paġna 6 tal-Ktejjeb Tekniku C) biex tirrikonoxxi l-pubblikazzjoni tal-Public Health England 2015 “Ir-Radon fl-Irlanda ta’ Fuq: Atlas Indikattiv”. Din il-pubblikazzjoni se tintuża biex jiġi stabbilit jekk abitazzjoni tinsabx f’żona affettwata mir-radon.

9. 1. Mindu seħħu n-nirien ta’ Grenfell sar ħafna dibattitu dwar il-konformità mar-rekwiżit tar-Regolamenti dwar il-Bini għal ħitan esterni fuq binjiet biex jirreżistu b’mod adegwat il-firxa tan-nirien. L-oġettiv ta’ din il-bidla fil-politika huwa biex jipprovdi ċertezza dwar il-materjali li għandhom jintużaw f’sistemi ta’ ħitan esterni ta’ ċerti binjiet (“binjiet rilevanti”).

Marbuta wkoll mar-rekwiżiti dwar il-firxa tan-nirien fuq barra, kien hemm tħassib dwar l-approċċ attwali għall-użu tal-Valutazzjonijiet minflok it-testijiet (AILOTs) għal sistemi ta’ kisi fuq barra. Il-proposta għal gwida ġdida fil-Ktejjeb Tekniku E (Sikurezza kontra n-nirien) għandha tiżgura li l-AILOTs jintużaw biss fejn hu xieraq, b’evidenza tal-ittestjar rilevanti suffiċjenti u li jitwettqu minn persunal kompetenti fi ħdan organizzazzjonijiet iċċertifikati b’mod xieraq.

2. Public Health England (PHE) u l-Istħarriġ Ġeoloġiku Brittaniku fl-2015 ippubblikaw atlas aġġornat ta’ mapep tar-radon għall-Irlanda ta’ Fuq ibbażat fuq informazzjoni ġeoloġika mill-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Irlanda ta’ Fuq u eluf ta’ kejl tar-radon meħud. Dan l-atlas jagħti mappa tar-radon iktar preċiża għall-Irlanda ta’ Fuq u jiżgura li l-miżuri tar-radon għal abitazzjonijiet jkunu bbażati fuq l-aħħar valutazzjoni xjentifika tar-riskju tar-radon.

10. Ma jeżisti l-ebda Test Bażiku

11. Le

12. -

13. Le

14. Le



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

15. Iva

16. Aspett OTK

Le - L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali

Aspett SPS

Le - L-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu